**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-24 ta' Mejju, 2018**

**Talba numru 212/2017 AM3**
**Numru fuq il-Lista: 3**

**Darren Camilleri (K.I. 83982M)**

**9, Triq l-Assunta,**

**Marsa**

**Vs**

**Adreana Camilleri (K.I. 485075)**

**Duluri, Flat 1,**

**Triq San Guzepp,**

**Pieta'**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-attur fid-19 ta' April, 2017 li permezz tieghu talab li l-konvenuta tigi kundannata tirrifondi s-somma ta' tlett elef u sebat mitt ewro (€3,700) bilanc ta' somma akbar mislufa mill-attur lil konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta a fol 12 li permezz taghha eccepiet li hija ma sselfet xejn minghand l-attur u li l-attur kien jaf li tali flus kienu a beneficcju tat-terza persuna Maria Grima li gawdiet minnhom u li hija halset it-tlett mitt ewro (€300) akkont u li anke kienet ammettiet quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminal b'sentenza tad-19 ta' Marzu, 2016; li hija kienet vittma ta' agir kriminali ammessa mit-terza persuna Maria Grima issa ma ghandhiex tkun ukoll vittma tal-pretizi infondati tal-attur ghal hals tal-bilanc pendenti; li t-Tribunal ghandu jichad it-talba tal-attur u jiddikjara li Maria Grima hija responsabbli ghar-rifuzjoni ta' din is-somma.

Ra l-affidavit tal-attur li permezz tieghu xehed li ghal habta ta' Frar tas-sena 2015 huwa kien sellef lil konvenuta erbat elef ewro (€4,000) u Maria Grima ghamlet gimghatejn tippressah biex isellef din is-somma lil konvenuta u fl-ebda hin ma qaltlu li l-flus ghandha bzonn tissellifhom hi. Xi granet wara l-konvenuta kelmitu biex tikkonvincih jsellifha dawn l-flus u qaltlu li kellha negozju tajjeb u li l-flus kienu ghaliha. Il-flus ghaddihom lil konvenuta u dak il hin Maria Grima rikbet fl-istess vettura. Huwa jghid li ftit tal-granet wara hija ppruvat taqbad lil Maria fuq l-mobile taghha peress li hija ma kienet qed thallsu xejn u fl-istess waqt kelmet lil konvenut u staqsiha kienetx taf xi haga dwar Maria peress li ma setgha jaqbadha xejn. Kien dakinhar li l-konvenuta ammettiet mieghu li l-flus ma kienux ghaliha izda ghal Maria u li kienet hrafa li kellha negozju. Huwa rrabja hafna u qallha li kieku kien jaf li l-flus kienu ghal Maria zgur li ma kien isellef xejn. Huwa kien jaf li minghand Maria l-flus mhux gejjin lura ghax kien diga kellha dejn mieghu fuq self iehor. Huwa mar jaghmel rapport l-Ghassa l-Hamrun flimkien mal-konvenuta fuq flus li kien qabel sellef lil Maria u xehed ukoll li fl-Ghassa tal-Pulizija l-konvenuta sahqet mal-Pulizija li hija kellha tigbor l-flus li sellef lil konvenuta minghand din Maria. Kien fil-mori tal-kawza li l-konvenuta qalet lis-siehba tieghu li ma riedet thallas xejn.

L-attur pprezenta kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Marzu, 2016 per Mag Clarke (fol 32 et) tali sentenza hija dwar self li sar lil Maria Grima bejn Dicembru, 2015 u Frar, 2016 minn l-attur fl-ammont ta' hamest elef ewro (€5,000).

Ra li l-konvenuta ma resqet ebda provi fis-seduti tas-06 ta' April, 2018 u tal-11 ta' Mejju, 2018.

Ra l-verbal tas-seduta tal-11 ta' Mejju, 2018 li permezz tieghu dan it-Tribunal ddikjara l-provi tal-konvenuta maghluqa.

Ikkunsidra

Li l-attur sellef is-somma ta' erbat elef ewro (€4,000) mhux kontestat kif mhux kontestat li minn dan l-ammont thallas biss tlett mitt ewro (€300). Li huwa kontestat mill-konvenuta huwa li dan is-self ma kienx ghaliha izda kien ghal Maria Grima u ghalhekk ma ghandux thallsu hija.

Jigi rilevat li l-konvenuta ma talbetx li Maria Grima tigi kjamata fil-kawza.

Ghalkemm l-attur jikkontendi li l-konvenuta hallsitu it-tlett mija (€300) akkont il-konvenuta tghid li kienet Maria Grima li hallsithom u li l-istess Maria Grima ammettiet l-akkuzi kriminali fil-konfront taghha dwar dan is-self.

Jigi rilevat pero' li s-sentenza esebita fl-atti tirrigwarda self li sar mill-attur lil din Maria Grima fl-ammont ta' hamest elef ewro (€5,000) u ghal perjodu minn Dicembru, 2015 u Frar, 2016 mentri dawn il-proceduri jirrigwardaw self ta' erbat elef (€4,000) mhux ta' hamest elef (€5,000) u li tali self sar ghal habta ta' Frar tas-sena 2015 mentri fl-Avviz tat-Talba huwa ddikjara li tali self sar fis-sena 2016.

Dan it-Tribunal ghalhekk ma jistax jemmen lill-attur meta xehed a fol 30 "Kont ghedtilha li kieku kont naf li l-flus kienu ghal Maria zgur li ma kont insellef xejn. Kont naf li minghand Maria mhumiex ser jigu lura ghaliex diga kellha d-dejn mieghi fuq self iehor u li minn wara dak iz-zmien kont smajt b'diversi stejjer ta' persuni li ngidmu minnha" stante li l-proceduri kriminali hawn fuq imsemmija juru mod iehor.

Illi mill-banda l-ohra jekk dan it-Tribunal jadotta d-data li fiha sar is-self bhala Frar tas-sena 2016 bhala s-sena li sar is-self kif iddikjara l-Attur fl-avviz tat-Talba u mhux Frar tas-sena 2015 kif l-attur iddikjara fl-affidavit tieghu, xorta wahda dan it-Tribunal jasal biex ma jaccettax it-talba tal-attur meta jghid li l-flus sellifhom lill-konvenuta meta l-proceduri kriminali juru mod iehor.

Lanqas il-prova li l-hlas akkont ta' tlett ewro (€300) ma ghamel prova l-attur li dan sar mill-konvenuta.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal ma ghandux triq ohra hlief li jiddikjara u jiddeciedi li t-talbiet tal-attur ma gewx pruvati u qed jichad it-talbeit tal-attur bl-ispejjez.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**